# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**17/18**

**Minuti tas-sbatax-il (17) Laqgħa (Pubblika) tas-sena 2012 (Is-Seba' Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar is-Sibt, 24 ta' Marzu, 2012 fid-9.00 ta' filgħodu**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku (telaq 9.47 am) |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati** | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier (rikoverat) |
| **Pubbliku**: | Is-Sur Ivan Scerri | | |
| | Patri Jurgen Cucciardi | | |
| | Is-Sur Luciano Galea | | |
| | Is-Sur Anthony Spiteri | | |
| | Is-Sinj Dorothy Pace | | |
| | Is-Sur Charles Scerri | | |
| **Agenda:** | **Misraħ Santa Venera** | | |

1 **Misraħ Santa Venera**

1.1 Is-Sindku, s-Sur Horace J Anastasi spjega lill-Kunsillieri u lill-membri tal-pubbliku preżenti fuq Misraħ Santa Venera li, hija waħda mill-5 toroq fl-iskema tal-PPP. Is-Sur Anastasi rrimarka li f'dan il-Misraħ kien se jingħata t-tarmak, servizzi tal-Ilma u d-Drenaġġ ġodda u, parti minnha se tkun pavimentata. Wara li kellu xi rikjesti minn diversi Vendrini u Patrijiet tal-Komunita' Karmelitana s-Sindku, rrakkomanda t-tisbiħ ukoll, taz-zuntier. Is-Sindku kompla jirrimarka li kull Belt u Raħal jaġevolaw il-Pjazza ewlenija tagħhom u hekk jixtiequ l-Vendrini. Is-Sur Anastasi stqarr li ma setgħux jitneħħew il-postijiet kollha tal-ipparkjar. Huwa spjega kif ser isir il-pavimentar bil-postijiet mnaqqsa tal-ipparkjar. Dlonk ippreżenta pjanta ta' kif jista' jkun il-Misraħ fejn jidhru bankini ġodda, ringroad bit-tarmak, fin-nofs fejn se jkun hemm l-ipparkjar se jkun pavimentat,

*soft areas* u Statwa ta' Santa Venera, il-parti taz-zuntier u l-kulleġġ se jkunu wkoll pavimentati u se jkun hemm *soft areas* u funtana.

1.2 Is-Sindku spjega ukoll kif ser issir il-pjazza peress li ser jkun hemm monument li ser jingħata b'xejn lill-Kunsill ta' Santa Venera; l-istatwa ta' Santa Venera ser tinghata mis-Sur Charles Scerri. Il-pedestal li se jinbena wkoll mill-Kunsill Lokali se jkollu l-parti ta' wara bil-ħġieġ biex titpoġġa l-istatwa ta' San Pawl Rieqed. Huwa spjega li skont il-leġġenda meta San pawl kien ġie Malta waqaf f'dan il-Misraħ u straħ/raqad hemm. Fil-fatt, inħadmet statwa ta' San Pawl Rieqed u wara lis-Sur Mario Coleiro rrestawraha qed jikkustodjaha sakemm isibilha l-post li jixirqilha. Is-Sur Coleiro kien ikkonferma li wara r-restawr huwa ser jagħtiha lura lill-Kunsill Lokali biex titpoġġa fl-imsemmi pedestal tal-Istatwa ta' Santa Venera. Is-Sindku kompla jagħti spjegazzjoni ta' kif l-istatwa ta' San Pawl ser titpoġġa sabiex thares lejn il-Knisja, kif kienet imqiegħda oriġinarjament.

1.3 Is-Sindku informa lil min kien preżenti lill-kulur tal-pavimentar li hemm fuq il-pjanta jista' jvarja. Is-Sur Anastasi stqarr li l-Kunsill mhux ser joħroġ fondi mill-allokazzjoni li tingħata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali iżda, minn dawk il-fondi tal-*Urban Improvement Funds (UIF).*

1.4 Is-Sur Charles Scerri qal li l-identita' ta' Santa Venera ħarġet mill-Knisja l-Antika li hemm f'Misraħ Santa Venera u l-idea li se titwaqqaf din l-istatwa kienet importantissima u waħda stupenda. Is-Sur Scerri faħħar dina d-deċiżjoni tal-Kunsill. L-Udjenza preżenti qabblet bis-sħiħ mal-proposta tal-Istatwa.

1.5 Saret diskussjoni fuq il-postijiet li se jitnaqqsu biex jipparkjaw; minn xi 32 se jkun hemm xi 21. Is-Sindku żied jgħid li ser jkun hemm infurzar strett fuq ipparkjar bla rażan u, ħatt u/jew tagħbija bla permess mill-Kunsill, eċċ.

1.6 Hawnhekk tkellem ir-Rettur tal-Kullegg San Elias, Patri Jurgen Cucciardi, fejn qal li l-Kulleġġ għandhom pjanta fuq xogħol li jrid issir fuq barra tat-tarġa tal-Kulleġġ ta' Sant'Elija, ħdejn iz-zuntier tal-Knisja u, li din il-pjanta tlestiet fl-2009 u għandhom l-approvazzjoni mill-MEPA. Huwa żied jgħid li għandu d-dokumenti kollha. Diskussjoni segwiet fuq din peress li ħadd ma kien informa lil-Kunsill Lokali fuq dan ix-xogħol meta kulħadd jaf li biex tintmess bankina ried ikun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill. Fil-fatt, is-Sindku kien tkellem mar-Rettur ta' qabel Patri Charles u ma' Patrijiet oħra u ħadd qatt ma qallu li fl-2009 kien inħareġ permess mill-MEPA. Hawnhekk is-Sindku indika li jekk hemm bżonn x-xogħol li għandu jinħadem mill-Kulleġġ lest li jaħdmu l-Kunsill iżda, jekk ir-Rettur irid li jaħdmu l-Kulleġġ għandu jikkopera billi jaħdmuha issa u mhux meta jitlesta t-tisbiħ tal-Misraħ. Is-Sur Stephen Sultana qal li l-Kunsill ried jikkonsulta mal-Patrijiet u mar-residenti. Is-Sindku wieġeb li hekk għamel u kulħadd xtaq li jkollna Misraħ suret in-nies bħal ta' postijiet oħra. Is-Sindku staqsa "X'għandna anqas minn lokalitajiet oħra. Il-għala m'għandux ikollna t-tisbiħ tal-Misraħ ewlieni?" Hawn dar fuq ir-Rettur u talbu biex jingħata kopja tal-pjanta ndikata biex tintwera lill-Perit tal-Kunsill.

1.7 Saret diskussjoni wkoll dwar il-postijiet tal-ipparkjar. Ir-Rettur qal li ma jaqbilx li jitnaqqas l-ipparkjar għax hu għandu xi erbgħin (40) *Staff* mill-Kulleġġ li jkunu jridu jipparkjaw fil-Misraħ.

1.8 Is-Sindku rrakkomanda lir-Rettur biex jipparkjaw fil-bitħa mmensa li għandhom fi Triq Il-Karmelitani u b'hekk ikun qed juri r-rispett li jixraq lil Santa Venera u lill-Vendrini. Is-Sindku kompla jirrakkomanda li t-Tfal ta' dan il-Kulleġġ għandhom jinħarrġu mill-imsemmija bitħa biex jitnaqqas ir-rebus li jinħoloq wara nofsinhar fil-Misraħ u fit-toroq ta' biswit u, jitnaqqas il-periklu għall-istess tfal.

1.9 Is-Sindku sostna li dan m'huwa xejn għajr egoiżmu min-naħa ta' xi ħadd fil-Kulleġġ.

1.10 Ir-Rettur saħaq li fil-bitha m'hemmx post biżżejjed biex jidħlu l-vetturi tal-għalliema. Ir-Rettur qal li l-bitħa hija *playground* u li l-lezzjonijiet tal-edukazzjoni fiżika jibqgħu sejrin sas-2 ta' wara nofsinhar. Ir-Rettur żied jgħid li għandu dokumenti mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' (KNPD) li minħabba ħaddiema b'diżabilita' ried jagħmel post tal-ipparkjar qrib il-Kulleġġ.

1.11 Is-Sindku wieġeb li fil-Misraħ hemm indikat li se jkun hemm xi postijiet għal min għandu bżonn speċjali. Huwa fakkar li kemm hu kif il-Kunsillieri sħabu dejjem jaħsbu f'min għandu bżonn speċjali u li dan, il-Vendrini jafuh.

1.12 Id-diskussjoni tkompliet fuq l-ipparkjar għal min jisma' l-quddies peress li jiġu nies li mhumiex minn Santa Venera.

1.13 Is-Sindku żied jgħid li meta kien ressaq din il-proposta lill-Kunsill, saħaq l-importanza lis-Subborg ta' Santa Venera għandu jkollu Pjazza/Misraħ li denja bħal lokalitajiet oħra. Fil-fatt, kompla li fil-preżent l-anqas bankini m'hemm. Is-Sur Anastasi stqarr li nħasad bil-kliem tar-Rettur għax qatt ma ppretendihom.

1.14 Xi wħud mill-udjenza kkritikaw bis-sħiħ id-diskors tar-Rettur u stqarru li dak kien egoiżmu min-naħa tal-Kulleġġ.

1.15 Is-Sindku talab lir-Rettur biex jipprepara l-pjanta u jiltaqa' miegħu t-Tnejn li ġej ħdejn il-Kulleġġ.

1.16 Ir-Rettur irringrazzja lis-Sindku u wiegħed li ser jagħmel kuntatt mal-Perit tiegħu biex iżomm dan l-appuntament.

1.17 Is-Sindku qal li Triq Patri Ġwann Azzopardi, Triq Patri Ġustin Sant u Triq Dun Xand Cortis jinsabu fil- *regeneration scheme* u peress li l-Lokal tagħna kien imissu jieħu xi fondi fl-2013 is-Sindku qed jitlob li ningħatwhom f'dina s-sena biex inkomplu ntejbu l-bankini u nżidu l-ipparkjar fl-imsemmija toroq.

1.18 Is-Sindku ippropona li lest lir-rampa li qed jirreferi għaliha r-Rettur tista' tinħadem mill-Kunsill stess. Is-Sur Anastasi sostna li ssir mill-Kunsill jew mill-Kulleġġ ix-xogħol ippjanat mill-Kunsill isir xorta waħda.

1.19 Dan ġie ikkonfermat minn dawk preżenti.

1.20 Persuna mill-Pubbliku qal li huwa lest li jgħin fiż-żamma tas-*soft areas*, voluntarjament.

1.21 Id-dettalji tal-persuni li attendew għall-laqgħha Pubblika ingħataw lil-Aġent Segretarju Eżekutiv.

1.22 Il-laqgħa spiċċat fl-10.53 ta' filgħodu.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn 18 ta' Ġunju, 2012